MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 2393/1998/1

**Ivan Cutajar**

***Versus***

***J. Lautier Co. Ltd***

F’din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta’ elfejn, erba’ mija u ħamsa u għoxrin lira u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm2,425.59) – daqs ħamest elef, sitt mija u ħamsin euro u għaxar ċenteżmi (€5,650.10) – mingħand is-soċjetà konvenuta.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fl-1995 l-attur kellu “relazzjonijiet ta’ xogħol mill-qrib” mas-soċjetà konvenuta, u l-ħsieb kien li l-partijiet ikunu sħab fix-xogħol ta’ *aluminium*. F’dak iż-żmien l-attur kiseb appalt li kien jiswa elf, seba’ mija u ħamsa u tletin lira u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm1,735.34) għal xogħol ta’ *aluminium* fil-lukanda *Galaxy*. Dan l-appalt kien inħadem mill-attur, bil-

makkinarju, materjal u ħaddiema tiegħu, iżda l-ħlas mis-soċjetà li tmexxi l-lukanda kien sar lis-soċjetà konvenuta, u dan minħabba fir-relazzjoni fil-qrib li kellu l-attur mal-konvenuta.

Ġara illi s-sħubija jew assoċjazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta ma seħħitx, iżda l-ħlas għall-appalt baqgħet iżżommu l-konvenuta, għalkemm ix-xogħol kien sar mill-attur bil-materjal, makkinarju u ħaddiema tiegħu. Għalhekk il-konvenuta stagħniet bla jedd, u b'telf ta' l-attur, fis-somma ta' elf, seba' mija u ħamsa u tletin lira u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm1,735.34).

Wara, l-attur kien daħal impjegat mal-konvenuta, u meta l-impjieg tiegħu ntemm kien għad fadallu jieħu mingħand il-konvenuta sitt mija u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm690.25), maqsuma hekk:

- mitejn u sebgħa u sebgħin lira (Lm277) paga mħallsa nieqsa għall-aħħar erba' xhur;
- tmienja u ħamsin lira u disgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm58.79) bħala *bonus*; u
- tliet mija u erbgħa u ħamsin lira u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm354.56) bħala kumpens għal *leave* li l-attur ma ħax għalkemm kellu jedd għalih[1].

Għalhekk, b'kollox, il-konvenuta għandha tagħti lill-attur elfejn, erba' mija u ħamsa u għoxrin lira u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm2,425.59), u l-attur qiegħed issa jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuta stagħniet bla jedd, u b'telf ta' l-attur, fis-somma ta' elf, seba' mija u ħamsa u tletin lira u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm1,735.34);
2. tgħid illi l-konvenuta għandha tagħti lill-attur sitt mija u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm690.25) bħala bilanċ ta' paga u *bonus* u kumpens għal *leave* mhux meħud;
3. għalhekk tgħid illi l-konvenuta b'kollox għandha tagħti lill-attur elfejn, erba' mija u ħamsa u għoxrin lira u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm2,425.59); u

[1] Dawn iċ-ċifri magħduda flimkien iġibu sitta mija u disgħin lira u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm690.35) mhux sitt mija u disg]in lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm690.25), kif tgħid iċ-ċitazzjoni.

4. tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur elfejn, erba' mija u ħamsa u għoxrin lira u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm2,425.59), flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħax.
Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:
1. l-azzjoni attriċi waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-artt. 2148, 2149 u 2153 tal-Kodiċi Ċivili – din l-eċċezzjoni kienet miċħuda b'sentenza tat-18 ta' Ġunju 2001, u l-appell li kien sar minn dik is-sentenza kien miċħud b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Diċembru 2002; u
2. it-talbiet ta' l-attur "huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur".
Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:
L-attur igħid illi hu u s-soċjetà konvenuta kellhom il-ħsieb li jagħmlu xi xogħol flimkien u, għal dan il-għan, appalt mogħti lill-attur minn terzi kien inħadem f'isem is-soċjetà konvenuta u l-ħlas sar lilha wkoll, għalkemm ix-xogħol għamlu l-attur u l-klijent kien tiegħu.
Il-konvenuta tiċħad dan u tgħid illi l-ftehim ta' appalt ma' terzi sar magħha, bin-nies tagħha u l-materjal tagħha, u għalhekk, ukoll jekk il-kuntatt u l-ftehim mal-klijent sar mill-attur, dan kien qed jidher f'isimha u l-ftehim għamlu f'isimha.
L-attur igħid illi prova li l-affarijiet seħħew kif qiegħed igħid hu huwa l-fatt illi l-materjal biex sar ix-xogħol għal terzi kien xtrah għalih missieru, u l-konvenuta fittxet lil missieru għall-ħlas; li kieku l-kuntratt ma' terzi kien tassew sar fl-interess tal-konvenuta, ma kienx jagħmel sens li l-konvenuta tfittex lill-missier l-attur għall-ħlas tal-prezz tal-materal.
Il-kawża msemmija mill-attur kienet fl-ismijiet <u>*J. Lautier Co. Limited versus* Alfred Cutajar</u>, u nqatgħet minn din il-qorti fil-5 t'Ottubru 1998 u mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru 2005. Is-sentenza fost ħwejjeġ oħra tgħid hekk:
… … … l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi jirrappreżenta bilanċ ta' diversi partiti mibjugħa u konsenjati lill-konvenut fuq firxa ta' perijodu twil. Mill-kont dettaljat … … … ma jirriżultax li fil-perijodu meta ttieħed ix-xogħol tal-*Galaxy* saret xi ordni kbira mill-konvenut li tiġġustifika dak li qed igħid il-konvenut.

Dan juri illi l-“prova” li jistrieh fuqha l-attur ma hija prova xejn, għax ma hux minnu illi l-konvenuta fittxet lil missier l-attur għall-prezz tal-materjal biex inħadem l-appalt għal terzi.

L-attur igħid ukoll illi, kif tixhed l-istima tax-xogħlijiet[2], il-ftehim ta’ appalt ma’ terzi sar f’Mejju jew Ġunju ta’ l-1995, meta hu kien għadu mhux impjegat mal-konvenuta, għax l-impjieg beda fl-1 ta’ Awissu ta’ l-1995.

Dan, iżda, ma huwiex determinanti, għax l-attur seta’ kien awtorizzat jidher f’isem il-konvenuta wkoll jekk ma kienx impjegat tagħha. Li hu determinanti, fil-fehma tal-qorti, hu illi l-attur ma ressaqx il-prova illi x-xogħol sar minnu, b’nies tiegħu u b’materjal tiegħu. Min-naħa l-oħra, id-dokumenti kuntrattwali jew pre-kuntrattwali juru illi l-ftehim mat-terzi sar f’isem is-soċjetà konvenuta, u Roderick Vassallo, li ħadem fuq il-proġett, xehed illi, għalkemm huwa *ex*-impjegat ma’ missier l-attur (mhux ma’ l-attur), fiż-żmien meta sar ix-xogħol kien ġà impjegat mal-konvenuta, u għalhekk ix-xogħol li għamel għamlu mhux għall-attur iżda għall-konvenuta.

Għalhekk it-talba ta’ l-attur, safejn mibnija fuq il-premessa illi l-konvenuta stagħniet bla mistħoqq bit-telf tiegħu, ma tistax tintlaqa’.

Dwar t-talba għal arretrati ta’ paga, *bonus* u *leave*, is-soċjeta konvenuta ma hijiex qiegħda tikkontesta li dawn ma tħallsux, iżda qiegħda tgħid illi għandha sseħħ tpaċija ma’ somma ta’ elf u tliet liri (Lm1,003) li, għalkemm kellha titħallas minn terzi lill-konvenuta, kienet tħallset lill-attur li żammha.

L-attur igħid illi l-konvenuta ma tistax tgħid illi seħħet tpaċija bla ma tagħmel kontro-talba. Dan l-argument ta’ l-attur, iżda, huwa ħażin għax l-art. 1196 tal-Kodiċi Ċivili igħid illi tpaċija sseħħ *ipso iure*, ukoll mingħajr ma jkunu jafu l-partijiet, u ma hija meħtieġa ebda dikjarazzjoni ġudizzjarja.

Madankollu, imiss lill-konvenuta tagħmel il-prova li tassew li l-attur tħallas mingħand terzi dak li kellha tieħu hi. L-aħjar prova kienet tkun dik il-persuna li għamlet il-ħlas. Fil-fatt il-konvenuta ippreżentat stqarrija iffirmata minn ċertu Ronald Mifsud li jgħid illi ħallas lill-attur elf u tliet liri

2 *Foll.* 98 *et seqq.*

(Lm1,003) li kellu jagħti lill-konvenuta. Din l-istqarrija, iżda, ma hijiex imwettqa bil-ġurament, u Ronald Mifsud, għalkemm imniżżel fil-lista ta' xhieda tal-konvenuta, ma tressaqx biex jixhed.

L-aħjar prova tat-tpaċija għalhekk ma saritx.

Il-konvenuta tgħid illi, mingħajr it-tpaċija, għandha tagħti lill-attur elf, mija u disgħa u sittin lira (Lm1,169)[3] bħala arretrati ta' paga u *bonus*. Dan huwa iżjed mis-somma ta' sitt mija u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm690.25) – daqs elf, sitt mija u seba' euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1,607.85) – pretiża b'dan it-titolu mill-attur, u għalhekk is-somma mitluba mill-attur tista' titqies illi saret il-prova tagħha bl-ammissjoni tal-konvenuta.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tiċħad l-ewwel talba ta' l-attur, tilqa' t-tieni talba, tgħid illi s-soċjeta konvenuta għandha tagħti lill-attur elf, sitt mija u seba' euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1,607.85) bħala arretrati ta' paga u *bonus*, u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur elf, sitt mija u seba' euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1,607.85) flimkien ma' l-imgħaxijiet relativi. L-ispejjeż, ħlief dawk li dwarhom ġà ngħatat deċiżjoni, jinqasmu hekk: tliet partijiet minn erbgħa (¾) jħallashom l-attur u parti minn erbgħa (¼) tħallasha s-soċjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] *Fol.* 165.